**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono fis-Seduta 27 tal-11 ta' Frar 1997 dwar mistoqsijiet għal tweġiba bil miktub.**

B'referenza għall-*points of order* imqajma mill-Onor. Austin Gatt fis-seduta tas-7 ta' Frar 1997, dwar ir-risposti għad-domandi li hu talab li jiġu mwieġba bil-miktub, fejn semma l-Ordni Permanenti 22 u l-Ordni Permanenti 29, jingħad illi l-Ordni Permanenti 22 bl-ebda mod ma tagħti xi żmien li fih iridu jiġu mwieġba mistoqsijiet parlamentari, iżda titkellem biss għall-avviż ta' mill-inqas tlitt ijiem li jrid jingħata għal interpellanza jew għal mozzjoni.

Minkejja dan, iżda, dak li dejjem sar kien illi meta l-mistoqsija tidher fuq in-*notice paper* wara t-tlitt ijiem tal-avviż fir-rigward ta' mistoqsijiet orali, din tingħata risposta, jew xi forma ta' risposta, għax jista' jingħata *holding answer* f'dik l-istess ġurnata. Għar-rigward ta' mistoqsijiet li jitolbu tweġiba bil-miktub, is-sitwazzjoni hija differenti, kif ser jingħad aktar 'l isfel u għalhekk ir-risposti li jintalbu bil-miktub jingħataw lill-Onor. Membru meta dawn jaslu mill-Ministeru. Aktar 'l isfel ukoll jiġi eżaminat l-Ordni Permanenti 29.

Il-*points of order* imressqa mill-Onor. Membru irrikjedew illi s-Sedja teżamina l-fatti kollha rilevanti għar-rigward ta' kif għandhom isiru l-mistoqsijiet f'dan il-Parlament u jġibu wkoll l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda fl-uffiċċju tal-Parlament.

Jidher li sal-lum mistoqsijiet li għalihom tintalab tweġiba bil-miktub ma tantx kienu komuni f'dan il-Parlament. Minn spezzjoni manwali tal-aġendi u l-minuti mill-1964 sal-lum irriżulta illi f'dan il-Parlament l-inċidenza ta' mistoqsijiet li kellhom jingħataw tweġiba bil-miktub l-aktar li tiltaqa' magħha huwa fi żmien ir-*recess* tas-sajf.

F'dawn l-aħħar snin daħlet id-drawwa illi l-mistoqsijiet minn membru wieħed li jidhru fuq l-Aġenda, fit-total tagħhom, jiġifieri bejn orali u bil-miktub, ma kinux jeċċedu sitta. L-iStanding Orders isemmu l-limitazzjoni ta' sitta fir-rigward ta' interpellanzi orali biss fl-Ordni Permanenti 29. Fil-fatt mill-istess eżami manwali tal-aġendi u l-minuti fuq imsemmija rriżulta illi kien hemm diversi drabi, qabel dawn l-aħħar snin, fejn membru kellu addizzjonalment mas-sitt mistoqsijiet orali, numru wkoll ta' mistoqsijiet illi tagħhom intalbet u ngħatat tweġiba bil-miktub.

Is-Sedja iżda kkunsidrat il-fatt illi hemm nuqqas ta' regolamentazzjoni fl-iStanding Orders għar-rigward ta' mistoqsijiet li jitolbu tweġiba bil-miktub u għalhekk fl-ispirtu ta' Ordni Permanenti 197 irrikorriet għall-*Erskine May*.

*Erskine May*, 21st Edition, f'paġna 285 jgħid illi m'hemmx limitu għan-numru ta' mistoqsijiet li għalihom tintalab tweġiba bil-miktub minn membru f'ġurnata waħda. L-istess *Erskine May*, f'paġna 284, jgħid illi għalkemm fil-każ ta' mistoqsijiet li għalihom qed jitlob tweġiba bil-miktub il-membru jista' jindika l-ġurnata meta jeħtieġ tweġiba, it-tweġiba mhux neċessarjament tingħata f'dik id-data. *Erskine May* jispeċifika:

'*The answer will not necessarily be given on that date; the House has, however, endorsed the view that Ministers should endeavour to answer unmarked questions within a working week of their being tabled.*'.

Għandu jingħad ukoll illi n-nuqqas ta' limitazzjoni għad-dritt li jiġu magħmula domandi li jridu jingħataw risposta bil-miktub ma jfissirx illi hemm xi dritt illimitat li jingħataw risposti. Jibqa'

fatt stabbilit b'*rulings* preċedenti tas-Sedja li s-Sedja m'għandhiex kontroll fuq it-tweġibiet li jingħataw. L-*Erskine May*, paġna 293, inter alia jgħid illi l-Ministru jista' ma jweġibx għall-mistoqsijiet parlamentari, u dan għal diversi raġunijiet. Interessanti hawnhekk jingħad illi Ministru jista' saħansitra jirrifjuta li jagħti risposta għar-raġuni illi ser ikun hemm spiża disproporzjonali biex din tingħata u difatti fir-Renju Unit l-ammont tal-ispiża huwa kwantifikat. (Constitutional and Administrative Law - Stanley de Smith and Rodney Brazier, Sixth Edition li jikkwota minn House of Commons debate 429 tal-14 ta' Marzu 1988)

L-Ordni Permanenti 28 tgħid illi kull membru li jixtieq risposta orali għal interpellanza għandu jimmarkaha b'asterisk. Dan jidher li mhux qiegħed isir u l-membri f'dawk il-każijiet fejn rarament sal-lum kienu jitolbu tweġibiet bil-miktub, kienu jindikaw speċifikament illi t-tweġibiet iriduhom bil-miktub. Għaldaqstant il-mistoqsijiet sottomessi kienu qegħdin jiġu trattati bħala mistoqsijiet orali sakemm ma jiġix indikat mod ieħor. Is-Sedja qiegħda titlob lill-membri biex mil-lum 'il quddiem jindikaw b'asterisk dawk il-mistoqsijiet li jridu li jitwieġbu orali u bl-ittra 'W' dawk il-mistoqsijiet li jridu għalihom tweġiba bil-miktub peress illi ser jibdew jiġu reġistrati separatament.

Il-mistoqsijiet li għalihom tintalab risposta orali jibqgħu bħalma sar s'issa, jingħataw ir-risposti fis-seduta waqt il-ħin tal-mistoqsijiet. Dawk li ma jiġux mgħajta fil-Kamra, fid-dibattitu jidhru bħala li ngħataw risposta bil-miktub. Il-mistoqsijiet li għalihom tintalab tweġiba bil-miktub jidhru fuq in-*notice paper* wara li jgħaddu t-tlitt ijiem tal-avviż kif rikjest fl-Ordni Permanenti 22 u mbagħad l-istess mistoqsijiet flimkien mat-tweġibiet mogħtija jidhru fid-*debate* meta fil-fatt jiġu mwieġba.

Is-Sedja trid tara illi l-mistoqsijiet u t-tweġibiet ikunu konformi ma' kif inhuma fil-preżenti l-Ordnijiet Permanenti. Is-Sedja fid-dover ukoll illi fl-assenza ta' regolamentazzjoni mill-iStanding Orders, tirrikorri għar-regoli, modi u drawwiet tar-Renju Unit bħala gwida. Is-Sedja titlob il-koperazzjoni ta' kull membru u tirrakkomanda l-prudenza u l-buon sens ta' kull membru ta' din il-Kamra fl-ippustjar ta' mistoqsijiet u fl-għoti ta' tweġibiet, u dan biex jiġu salvagwardjati d-drittijiet ta' kulħadd.